

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/751**tas-16 ta' Marzu 2017****li jemenda r-Regolamenti Delegati (UE) 2015/2205, (UE) 2016/592 u (UE) 2016/1178 fir-rigward tal-iskadenza għall-konformità mal-obbligi tal-ikklerjar għal ċerti kontropartijiet li jitrattaw id-derivati OTC****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolamenti Delegati (UE) 2015/2205 ⁽²⁾, (UE) 2016/592 ⁽³⁾ u (UE) 2016/1178 ⁽⁴⁾ jiddeterminaw erba' kategoriji ta' kontropartijiet għall-finijiet ta' stabbiliment tad-dati li fihom isiru effettivi l-obbligi tal-ikklerjar rispettivi. Il-kontropartijiet huma kategorizzati skont il-livelli ta' kapaċità ġuridika u operazzjonali tagħhom u skont l-attività ta' negozjar tagħhom fir-rigward tad-derivati OTC.
- (2) Sabiex jippermettu l-applikazzjoni bla xkiel u ordnata tal-obbligu tal-ikklerjar, ġew applikati perjodi ta' introduzzjoni gradwali għal dawk il-kategoriji differenti ta' kontropartijiet.
- (3) Id-data li fiha l-obbligu tal-ikklerjar issir effettiva għall-kontropartijiet tal-Kategorija 3 tqis il-fatt li l-biċċa l-kbira ta' dawk il-kontropartijiet jista' jkollhom aċċess biss għal kontroparti ċentrali (CCP — central counterparty) billi jsiru klijent jew klijent indirett ta' membru tal-ikklerjar.
- (4) Il-kontropartijiet bl-aktar livell baxx ta' attività f-derivati OTC huma inklużi fil-Kategorija 3. Evidenza riċenti tissuġġerixxi li l-kontropartijiet jiffaċċjaw diffikultajiet sinifikanti fit-tħejija ta' arranġamenti meħtieġa biex tikklerja dawk il-kuntratti tad-derivati. Dan minħabba kumplessitajiet li jaffettwaw iż-żewġ tipi ta' aċċess għal arranġamenti ta' kkljar, jiġifieri kkljar tal-klijenti u kkljar indirett tal-klijenti.
- (5) L-ewwel nett, fir-rigward tal-arranġamenti tal-ikklerjar tal-klijenti, jidher li hemm ftit inċentivi biex il-membri tal-ikklerjar jiżviluppaw b'mod estensiv l-offerta tal-ikklerjar tal-klijenti, minħabba kwistjonijiet ta' kostijiet. Dan huwa minnu speċjalment għall-kontropartijiet b'volum limitat ta' attivitajiet fid-derivati OTC. Barra minn hekk, il-qafas regolatorju dwar ir-reqwiziti kapitali applikabbli għall-attivitajiet tal-ikklerjar tal-klijenti qed jiġi mmodifikat, u dan jgħallq inċertezzi li jaġixxu bħala impedimenti għall-iżvilupp ta' firxa ta' offerti tal-ikklerjar tal-klijenti minn membri tal-ikklerjar.
- (6) It-tieni nett, fir-rigward tal-arranġamenti tal-ikklerjar, bħala riżultat tan-nuqqas tal-offerta, il-kontropartijiet attwalment ma jistgħux jaċċessaw is-CCPs billi jsiru klijent indirett ta' membru tal-ikklerjar.
- (7) Abbażi ta' dawn id-diffikultajiet u sabiex dawn il-kontropartijiet jingħataw perjodu addizzjonali ta' żmien biex jiffinalizzaw l-arranġamenti tal-ikklerjar meħtieġa, jeħtieġ li d-dati li fihom l-obbligu tal-ikklerjar isir effettiv għall-kontropartijiet tal-Kategorija 3 jiġu posposti. Madankollu, diġà tqiesu l-inċentivi biex tiġi ċentralizzata l-ġestjoni tar-riskju fil-grupp fir-rigward tat-tranżazzjonijiet intragrupp u l-posponiment tad-dati ma għandu l-ebda impatt fuq dawn id-dati u dawn id-dati li jikkonċernaw ċerti derivati OTC konklużi bejn il-kontropartijiet li jappartjenu għall-istess grupp.

⁽¹⁾ ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2205 tas-6 ta' Awwissu 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-obbligu tal-ikklerjar (ĠU L 314, 1.12.2015, p. 13).⁽³⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/592 tal-1 ta' Marzu 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-obbligu tal-ikklerjar (ĠU L 103, 19.4.2016, p. 5).⁽⁴⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1178 tal-10 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-obbligu tal-ikklerjar (ĠU L 195, 20.7.2016, p. 3).

- (8) Fid-dawl tal-konsegwenzi pożittivi li jirriżultaw mill-istabbiliment tal-arranġamenti tal-ikklerjar biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi rigward il-preparamenti biex jiġu kklerjati klassijiet differenti ta' assi soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar, huwa xieraq li d-dati l-ġodda li fihom l-obbligu tal-ikklerjar isir effettiv għall-kontropartijiet tal-Kategorija 3 jiġu allinjati.
- (9) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolamenti Delegati (UE) 2015/2205, (UE) 2016/592 u (UE) 2016/1178 jiġu emendati skont dan.
- (10) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentati mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) lill-Kummissjoni.
- (11) L-AETS wettqet konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqu huwa msejjes dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali, talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit bl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, u kkonsultat lill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi fir-Regolament Delegat (UE) 2015/2205

Fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2205, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) fil-21 ta' Ġunju 2019 fil-każ ta' kontropartijiet fil-Kategorija 3;”.

Artikolu 2

Emendi fir-Regolament Delegat (UE) 2016/592

Fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/592, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) fil-21 ta' Ġunju 2019 fil-każ ta' kontropartijiet fil-Kategorija 3;”.

Artikolu 3

Emendi fir-Regolament Delegat (UE) 2016/1178

Fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1178, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) il-21 ta' Ġunju 2019 fil-każ ta' kontropartijiet fil-Kategorija 3;”.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropa.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84)

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNKER
